MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Avviz Numru. 6/2007

Pinu Attard

Vs

Kunsill Lokali Fontana

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat fit-23 ta’ Marzu 2007 u li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf hames mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,558.77) bilanc ta’ somma akbar li l-attur qieghed ighid li huma dovuti ghal prezz ta’ rikostruzzjoni ta’ xoghol ta’ hitan fi Triq ta’ Xlendi, Fontana u li saru fis-sena 2004 kif certifikat mill-perit Edward Scerri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-12 ta’ Gunju 2007 li permezz taghha l-kunsill konvenut eccepixxa li:-

1. Preliminarjament l-azzjoni tal-attur hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

2. It-talba tal-attur ghall-hlas tal-bilanc m'ghandhiex tigi milqugha ghaliex ix-xoghol li sar fuq parti mill-hajt tas-sejjieh mertu tal-kawza ma sarx skond is-sengha u l-arti kf ukoll ma nbeniex skond kif dikjarat fil-kuntratt u cioe' ma nghatax siment kif suppost.

Rat is-sentenza parzjali li nghatat fit-28 ta' Gunju 2007 (fol. 17) u li permezz taghha l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-kunsill konvenut.

Rat id-digriet moghti fit-28 ta' Gunju 2007 (fol. 21) u li bih gie mahtur Vincent Ciliberti bhala perit tekniku sabiex jirrelata:-

1. Jekk ix-xoghol f'dik il-parti tal-hajt li minnha qieghed jilmenta l-kunsill lokali saritx skond is-sengha u l-arti.

2. Fin-nuqqas x'inhuma d-difetti u x'inhu x-xoghol rimedjali li ghandu jsir.

3. F'kaz li hemm xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-art, kemm mill-ammont pretiz mill-attur ghandu jigi mnaqqas.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku (fol. 29-62).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-Qorti m'hijiex ser terga' telenka l-fatti in kwantu dawn diga' ssemmew fis-sentenza parzjali li nghatat fit-28 ta' Gunju 2007.

2. M’hemmx dubju li l-mertu jittratta kwistjoni ta’ natura teknika, cjoe’ jekk dik il-parti tas-sejjieh li sar mill-attur u li tieghu qieghed jitlob il-hlas, sarx skond is-sengha u l-arti. Kif wisq tajjeb qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili[1] fil-kawza **Anthony Pace Asciaq et vs Joseph Camilleri** deciza fit-28 ta’ Jannar 2004: *“Il-kostatazzjoni dwar jekk l-opra gietx esegwita skond l-arti u s-sengha hi materja ta’ indole teknika, u dment li l-konkluzjonijiet ta’ l-espert tekniku ma gewx gravament imqeghda fid-dubbju b’ragunijiet mhux privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami l-Qorti jkollha taccetta dawn l-istess konkluzjonijiet. Dan aktar u aktar fejn l-attur nomine qua parti interessata ma pprevaliex ruhu mill-fakolta lilu moghtija mil-ligi b’ talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali (“**Giswarda Bugeja et -vs- Emanuele Muscat et**”, Appell Civili, 23 ta’ Gunju 1967)”*.

3. Il-perit tekniku rrelata li:- *“...t-tieni parti tal-hajt, fejn jirrizulta li la alineament orizzontali ma nzamm, kif lanqas giet segwita l-linja tat-triq, apparti li l-kisi bil-gebel tas-sejjiegh fuq wicc il-hajt huwa ta’ livell ferm baxx, b’mod specjali l-ahhar parti tal-hajt. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti huwa ta’ l-opinjoni li l-kunsill m’ghandux ihallas lill-attur il-bilanc pretiz, u dan minhabba li kif inhu evidenti, ix-xoghol fit-tieni parti tal-hajt ma sarx skond kif titlob l-art u s-sengha, kif lanqas ma jista jigi rimedjat jekk ma jinhattx kollu u jigi kostruwit mill-gdid”* (fol. 61-62). Il-perit tekniku ghamel paragun bejn dik li jsejjah bhala l-ewwel parti tal-hajt (tul ta’ cirka tletin metru) u l-kumplament (cirka tnejn u disghajn metru) u rrelata li *“....bl-ebda mod ma jista jinghad li din il-parti giet kostruwita biz-zelu kif giet kostruwita l-ewwel parti”* (fol. 61). Fil-fehma tal-Qorti l-attur ma rnexxielux jirribatti l-opinjoni espressa mill-perit tekniku; *“L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria”* (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu *“ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu”* (**Kollez Vol XL pI p485**). Anke waqt l-eskussjoni, il-perit tekniku baqa’

[1] Imhallef Philip Sciberras.

jsostni din il-fehma. Hu veru li fit-23 ta' Awwissu 2004 il-perit Edward Scerri kien baghat ittra lill-kunsill (fol. 5) fejn iddikjara li *"I certify taht these works have been completed according to tender specifications, as far as I can visibly certify..... The work is being certified by the undersigned only with respect to what could be visibly certfied during the woks and after completion"*. Pero' mill-kontenut stess ta' din l-ittra jidher li f'dak iz-zmien kien hemm certu dizgwid bejn il-perit Scerri u l-kunsill. Interessanti li fil-minuti tal-laqgha tal-kunsill li saret fit-30 ta' Settembru 2004 (fol. 85) jirrizulta li kien attenda l-perit Scerri ghaliha u gie registrat li: *"Il-kunsillier Saviour Borg qal illi ghalih l-ewwel parti tal-hajt li tigi fil-bidu ta' Triq ix-Xlendi min-naha ta' l-Ghajn il-Kbira, tul ta' 30.5 metru, hija wahda sodisfacenti. Huwa staqsa lill-Perit jekk huwiex sodisfatt bix-xoghol li sar. Il-perit qal illi huwa gibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan"*[2]. F'din il-laqgha sar qbil li jsir hlas ta' l-ewwel parti tax-xoghol. Il-Qorti tara kunflitt bejn dak li qal il-perit Scerri waqt il-laqgha tat-30 ta' Settembru 2004 u l-kontenut ta' l-ittra tat-23 ta' Awwissu 2004. Il-Qorti qeghda tifhem li l-perit kien iddikjara li gibed l-attenzjoni tal-kuntrattur proprju ghaliex ix-xoghol kien difettuz u ghal ebda raguni ohra. Dan apparti l-fatt li fl-ittra datata 23 ta' Awwissu 2004 il-perit Scerri kkonkluda li *"it is up to the local council to decide whether to carry out any qualitative and quantitative tests on the works carried out"* (fol. 58). Hu rilevanti wkoll li l-attur naqas milli jressaq lill-perit Edward Scerri bhala xhud sabiex isahhah it-tezi tieghu, u fil-fehma tal-Qorti l-provi li ghandha quddiemha l-Qorti (inkluz ir-rapport tal-perit tekniku) jwassaluha sabiex tikkonkludi li x-xoghol ma twettaqx skond is-sengha u l-arti. Jidher li l-kunsill qatt ma accetta li jhallas lill-attur tax-xoghol li tieghu qieghed jintalab il-hlas permezz ta' din il-kawza. Tant hu hekk li fl-14 ta' Gunju 2007 l-attur (waqt il-kontro ezami) xehed:- ***"min-naha tal-kunsill kienu qaluli illi ser ihallsuni ta' dik il-parti tal-hajt illi ma kienx hemm ilment dwarha pero fuq il-parti illi kellhom l-ilment ma kienux ser ihallsu"*** (fol. 12). Rilevanti hi s-

[2] Sahansitra f'laqgha li kienet saret fit-30 ta' Dicembru 2003, is-sindku (Valentino Cassar) kien esprima l-fehma li *"...din it-tieni part ital-hajt trid tinqala kollha peress li mhix maghmula skond is-sengha"*. Zied ighid *"li malli tmiss xi gebla din tinqala min mas-siment"* (fol. 74).

sentenza riportata fil-Volum XLI.ii.892 fis-sens li l-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.

4. Mir-rapport imhejji mill-perit tekniku jirrizulta li x-xoghol difettuz hu wiehed sostanzjali tant li kkonkluda li ma jistax jigi rimedjat *"... jekk ma jinhattx kollu u jigi kostruwit mill-gdid"* (fol. 62). Fis-sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Victor Tabone vs Felix Mifsud** deciza fil-5 ta' Ottubru 1994, gie osservat li: *"meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol"*. Il-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet **Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista** deciza mill-Prim'Awla fit-8 ta' Mejju 1958[3] hu fis-sens li *"jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest (jew mhux ezegwit sewwa) l-appaltatur ma jistghax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu"*. M'hemmx dubju li l-attur naqas milli jwettaq l-obbligu kuntrattwali tieghu, u ghalhekk ma jistax jinghad li ezegwixxa l-appalt li nghata lilu mill-Kunsill. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[4] f'sentenza li tat fit-23 ta' Gunju 2004 fil-kawza **Christopher Meli et vs Emanuel Galea** osservat li ***".....jekk l-appalt mhux ezegwit, anke f'sens ta' bonta u adattabilita` tal-opra, l-appaltatur ma jistghax jippretendi l-hlas tal korrispettiv sakemm l-opra ma tkunx accettabbli u ezenti minn kull difformita`"***.

5. Filwaqt li l-Qorti tikkondividi l-fehma li esprima l-perit tekniku, fis-sens li l-hajt ma nbeniex skond is-sengha u l-arti ma tistax tonqos li taghmel accenn ghal certu fatturi li fil-fehma taghha huma ta' rilevanza:-

[3] Vol. XLII.ii.1003.
[4] Imhallef P. Sciberras.

(a) Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2007 gie dikjarat: *"il-partijiet jaqblu illi l-materjal kollu relatat ma' dan ix-xoghol ipprovdieh l-attur"* (fol. 15).

(b) Is-sindku (Saviour Borg) tal-kunsill xehed li *"nghid illi lill-kuntrattur konna offrejnilu li nhallsuh tat-trinka u tal-hajt tal-franka li bih hu miksi bil-gebel tas-sejjieh, pero, certament mhux tal-pedament tal-konkos u tal-hajt innifsu"* (fol. 65).

(c) Irrizulta kif sal-lum il-hajt li ghamel l-attur ghadu fil-post, ghalkemm jirrizulta wkoll li nbena minghajr permess tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u sahansitra kien inhareg Avviz ta' Twettiq. Irrizulta wkoll kif l-appell li ghamel il-kunsill gie michud (fol. 105).

Il-Qorti tistqarr li hemm nuqqas ta' provi dwar il-valur tal-materjal li pprovda l-attur. Pero' hi tal-fehma wkoll li jkun ekwu u gust li l-attur jircievi kumpens ghall-materjal, li qeghda tifhem li jista' jerga' jintuza jekk jinhatt il-hajt u li wara kollox inzamm mill-kunsill. Wara li qieset il-kont mahrug mill-perit Edward Scerri, il-Qorti qeghda *abritrio boni viri* tiffissa s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghajn euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) ekwivalenti ghas-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) li ghandu jkopri l-valur tal-gebel wara li qieset ukoll li fl-ammont li diga' thallas prezumibilment hemm inkluz il-valur tal-materjal ghal dik il-parti tal-hajt li saret skond is-sengha u l-arti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha fic-cirkostanzi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-kunsill konvenut fis-sens li x-xoghol ta' kostruzzjoni ta' dik il-parti tal-hajt tas-sejjieh li hu mertu tal-kawza ma sarx skond is-sengha, pero' fl-istess hin qeghdha tikkundanna lill-kunsill konvenut sabiex mill-ammont mitlub ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u disghajn euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) ekwivalenti ghal tliet mitt lira Maltija (Lm300) ghar-raguni fuq moghtija.

Bl-imghax mis-16 ta’ Mejju 2007. Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 1/5 a karigu tal-kunsill u l-kumplament a karigu tal-attur, bl-eccezzjoni ta’ l-ispejjez relatati mas-sentenza parzjali li nghatat fit-28 ta’ Gunju 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------